KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM
GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

Minuti tal-wiehed u tletin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 2 ta' Settembru, 2010, fis-1.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinj Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

1. Talba – Wara li s-Sindku qal it-talba, ta' bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

3. Korrispondenza

   - Attivita fil-playingfield tal-Munxar – il-kunsill kollu gie mistieden biex jattendi ghal ftuh ufficcjali ta' dan il-Playing Field.
   - Invit ghal-pontifikal tal-quddiesa tal-festa – is-Sindku qara l-ittra li ntbaghtet mill-Arcipriet fejn il-kunsill huwa mistieden ghal din il-quddiesa. Huwa heggeg lil kullhadd biex jattendi.
   - Tahrika ta' xhud – il-pulizija harku lil-*kiosks* kollha li jarmaw fuq Kemmuna u kif wkoll lil rapprezentant tal-Kunsill biex jixhed fuq dan il-kaz peress li Kemmuna taghmel parti mir-rahal ta' Ghajnsielem. Is-Sindku ser jattendi f'isem il-Kunsill.
   - Bethlehem f'Ghajnsielem 2009 – il-Kunsill ircieva l-fondi fuq dan il-progett li kien imwieghed mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
   - Permess ta' Imwejjed u siggijiet – inqrat ittra mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward permess moghti quddiem l-Espada restaurant. Dawn gew approvati mid-Dipartiment ta' l-Artijiet.
   - Invoice Galea Curmi – *invoice* tal-kont biex sar id-dokument tat-tender tad-dawl u l-lift tac-Centru Civiku. Il-Kunsill approva dan il-kont.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

- MEPA – is-Sindku ta' rendikont tal-permessi u l-applikazzjonijiet godda kif ukoll *enforcement notices* li saru ricenti lil-MEPA fir-rahal t'Ghajnsielem.

4. Nomina ghall-premju Anzjan tas-sena

Is-Sindku qara' l-korrispondenza li rcieva l-Kunsill minn ghand is-Segretarjat Parlamentari ghall-anzjani u s-sahha fil-komunita`. Is-sur Joe Camilleri nnomina lil Dun Karm Cassar u s-Sur Peter Caruana nnomina lil Monsinjur Guzeppi Zerafa.

5. Bethlehem f'Ghajnsielem 2010-2011

Is-Sindku qal li madwar tlett xhur ohra nergghu nifthu l-progett ta' Bethlehem f'Ghajnsielem. L-applikazzjoni ghal-ghotja ta' fondi mid-Dipartimenti tal-Gvern Lokali u Turizmu ser taghlaq nhar is-17 ta' Settembru 2010. Is-sindku qal li hemm probabilta` li s-somma tizdied min dik tas-sena l-ohra. Hu kompla jghid li l-Kunsill ghamel avviz ghal-kwotazzjonijiet fuq dan il-progett biex b'hekk ikunu f'konformi mal-ligi. Dawn huma:

- *Quotation GHJN/13: Hollow steel channels*
- *Quotation GHJN/14: Steel angles*
- *Quotation GHJN/15: Steel welding rods*
- *Quotation GHJN/16: Ply Wood Sheets*
- *Quotation GHJN/17: Wood Studs*
- *Quotation GHJN/18: Excavation and trasport of material*
- *Quotation GHJN/19: Hire of mobile toilets*
- *Quotation GHJN/20: Refreshments for opening ceremony of Bethlehem f'Ghajnsielem*
- *Quotation GHJN/21: Service of Electrician and electrical supplies*
- *Quotation GHJN/22: Project Manager for Bethlehem f'Ghajnsielem*

Is-Sindku spjega kif harget kwotazzjoni ukoll ghall-*project manager* biex din is-sena ikun hemm aktar kontroll u kordinament fuq l-infiq u ma jkunx hemm hela. Is-sur Camilleri issugerixxa li ssir laqgha ma l-organizzaturi tal-progett mill-aktar fis possibli biex isir ftehim fuq il-progett ta' din is-sena.

6. *Italia-Malta Operational Project*

Il-Kunsill kien tefa tlett applikazzjonijiet taht il-progett ta' Italia-Malta. Wahda mill-applikazzjoni intaghzlet ghat-tieni fazi ta' l-evalwazzjoni. Is-Sindku kompla jghid li l-*lead partner* f'dan il-progett, li huwa r-rahal ta' Pantelleria, fejn dan stieden lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv biex jattendu ghal-laqgha li ser issir fit-3 ta' Settembru f'Palermo. Is-Sindku qal li ghalkemm il-Kunsill qabel li ghandhom jattendu ghal din il-laghqa hu kellu jhassar din il-laghqa peress li kellu diga impenn iehor dak li jicceremona att taz-Zwieg Civili dik il-gurnata stess. Is-Segretarju Ezekuttiv informat lil lead partner b'dan, fejn weriet d-dispjacir tal-Kunsill li ma stajniex nattendu ghal-din

il-laqgha. Ghal din il-laghqa wkoll kellu jattendi s-Sindku tal-belt Victoria li wkoll ma setghax jattendi.

Progett iehor ta' Italia-Malta li l-Kunsill applika bis-shab mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz flimkien ma rhula ohra minn Sqallija, kien li ntellghu wirjiet ta' promozzjoni ta' prodotti tipici tal-lokal. Dan il-progett pero ma giex approvat.

7. Offerti

Is-Sindku qal li l-offerti ta' l-irfinar tac-Centru Civiku ghalqu hmistax ilu. Dawn kienu jikkonsistu f'tender ta' tkahhil, xiri u tqieghed ta' madum u soffitti li ghalija kien hemm hames applikazzjonijiet. Offerta tas-sistema tad-dawl, air conditions, PABX, cameras, tqieghed ta' katusi tad-drenagg u ta' l-ilma tax-xita u sistema ta' l'ilma fejn ghalija kien hemm tlitt applikazzjonijiet. Tender tal-lift li kien hemm zewg applikazzjonijiet. Ghal-offerta ta' l-aperturi kollha kien hemm zewg applikazzjonijiet. Fil-ftuh ta' dawn l-offerti kienu prezenti s-Sindku, il-vici Sindku, s-sur Joe Camilleri u s-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll l-applikanti jew raprezentanti taghhom li tefghu l-offerti. Gie deciz li kopji ta' l-offerti ta' l-aperturi u dik tat-tikhil, xiri u tqieghed ta' madum u soffitti jintbaghtu lil-perit ghal-evalwazzjoni. Is-Sindku staqsa lil Kunsill jekk tinghatax l-offerta skond il-parir tal-perit. Il-Kunsill unanimament qabel li ghandu joqghod ghad decizjoni tar-rapport tal-perit. Is-Sindku kompla jghid li l-perit ghandu wkoll izid fir-rapport estimazzjoni ta' zmien biex jitlesta x-xoghol msemmi. Ghal darba ohra l-prezenti kollha qabblu li jekk ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet tigi allokata t-tender skond il-parir tal-perit.

Kien hemm 3 offerti tad-dawl. Id-dokument tat-tenders kien jghid li mat-*tender*, trid tpoggi kopja tat-*tender* mimli wkoll. Wiehed biss ghamel dan u ghalhekk tlabna parir mid-direttur tad-Dipartiment, is-Sur Bugelli ghal-aktar gwida fuq iz-zewg tenders l-ohra. Gie deciz li wara li il-Kunsill ikollu risposta mis-sur Bugelli, jintbaghtu l-kopji tat-tenders lill-engineer Renzo Curmi biex ikun jista jevalwa dawn it-tenders. Wara l-engineer Curmi jaghmel laghqa mal-Kunsill biex jispjega l-evalwazzjoni taghhom. Fuq l-offerta tal-Lift, li kien hemm zewg applikazzjonijiet, il-Kunsill qabel li jikkunsulta lil-Kunsilli ohrajn li kienu applikaw ghal xi lift biex jkun jista jqabbel xi prezzijiet. Gie deciz ukoll li l-Kunsill iqabbad lill-engineer Renzo Curmi biex jevalwa t-tenders tal-lift fejn il-Kunsill ikun jista jiehu decizjoni fuq it-tender skond ir-rapport ta' l-istess engineer.

8. Sigar taz-Zebbug

Is-Sindku wera r-ritratti tal-post lil-prezenti li kien semma is-Sur Mercieca fil-laqgha precidenti. Is-Sindku issugerixxa li jintbaghtu r-ritratti lis-Superintendence Of Cultural Heritage peress li fil-vicin kien hemm il-Curt Ruts biex issir *site inspection*. Wara ghandu jintbaghat rapport lill-Kunsill minn dan id-Dipartiment biex jiggwida lill-Kunsill kif ghandu jaghmel biex jitnaddaf is-sit.

9. Pjazza

Il-perit Godwin Sultana talab ghal laqgha mal-Kunsill fuq il-progett tal-Pjazza nhar il-Hamis 9 ta' Settembru fit-7pm biex issir diskussjoni fuq il-pjazza qabel m'issir il-laghqa mal-Ministru, l-Arcipriet u l-Kunsill.

10. Attivita ghat-Tfal fil-Playing Field u l-Pjazza tad-Dehra.
    L-attivita ser tittella nhar il-Hadd 12 ta' Settembru, fejn il-Kunsill dahal f'kollaborazzjoni mas-Sur Jason Vella li huwa l-organizzatur ta' din l-attivita. Is-sur Larry Buttigieg issugerixxa li titnizzel fuq il-bullettin li ser jinghalqu t-toroq ta' madwar. Is-sur Joe Camilleri issugerixxa li tissemma din l-attivita` fuq ir-radio ghal-aktar reklamar. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien se jiehu hsieb biex japplika ghall- permessi mehtiega, kif ukoll li jkun hemm il-prezenza tal-pulizija ghal aktar ordni.

11. Pannelli fotovoltaci u windfarms
    Il-Kunsill ta' l-Ghasri ghamel gemellagg ma belt zghira fl-Awstrija u dan ghamel arrangament biex igib 2 esperti mil-Awstrija biex jaghmlu *lecture* fuq dan is-suggett. Is-Sindki Ghawdxin gew mistiedna ghal din il-laqgha li giet imtella' fil-Kunsill ta' l-Ghasri. Huma ghamlu talba lis-Sindki biex isibu siti fil-lokal taghhom fejn jistghu jitwahlu l-*windfarms*. Il-Kunsill hareg bis-sugerimenti ta': iz-zona hdejn ic-cimeterju jew fejn t-*Tarmac Plant* ta' Gatt Construction fi Triq Borg Gharib. Ghandhom jintbaghtu site plans lill-Kunsill ta' l-Ghasri ta' dawn iz-zewg siti.

12. Customer Care
    - *Water culverts* Triq iz-Zewwieqa – is-Sindku ser jiehu hsieb li jara x'jista jsir
    - *Rubbish bin* Triq fuq l-Ghajn – kulhadd qabel li jitwahhal wiehed
    - *Double yellow line* Triq Bahhara ma' Triq il-Gnien – ma gietx approvata peress li min lmenta kien anonimu u jista jkun li sid id-dar ma jafx b'dan.
    - *No parking for heavy vehicles* Triq Mgarr – il-Kunsill ma approvax dan
    - *Double line* Triq Fuq l-Ghajn – il-Kunsill approva dan sal-parti d-dejqa

13. Materji ohra
    Stephen Mercieca
    - Triq il-Qighan – talba ghal-bozza ma arblu ezistenti – kulhadd qabel
    - Triq Sant Antnin kanturniera ma Triq Zewwieqa biex issir hadida ghal-support tal-bankina – approvata
    - Triq Raymond Caruana biex isir konkos mal-bankina tas-Sur Joe Rapa - approvata

    Joe Camilleri
    - Talba ghal-bozza fuq 85, Garden Street min ghand is-sur Micheal Debono (tal-plitt). Jekk tigi approvata t-talba mill-Enemalta, inkelmu s-sid tal-faccata ghal-permess biex titwahhal il-bozza mal-faccata tieghu.
    - Ma jaqbilx kif gie miktub ir-reklam fuq il-ktieb tal-banda li hareg fil-festa fejn issemma is-Sindku u l-Kunsilliera u mhux Kunsill biss.
    - Staqsa ghaliex ma sarx portable toilet fit-Triq Ghajnsielem fil-festa – is-Sindku irrispondih li din is-sena fetah il-hanut f'din it-triq li s-sena l-ohra ma fetahx u ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jkun hemm mobile toilets. Minn ried setgha juza t-toilets ta' dan il-hanut.
    - Staqsa fuq il-bozza tax-xatt – is-Sindku qal li wara li kien kellem lis-sur Tony Borg mill-Ministeru ghal-Ghawdex biex tehel din il-bozza, dan qallu li batulhom mill-Enemalta minn Malta li dik il-bozza mhux ser japprovawha ghaliex ser jaqilghu l-arblu bil-*wires* b'kollox. Is-Sindku reggha kiteb lis-Sur Tony Borg biex fil-kaz issir floodlight ma l-aktar arblu vicin.
    - Staqsa fuq it-tabella tax-xoghol fuq Centru Civiku – is-Sindku rrispondih li ghadha ma saretx

- Staqsa fuq il-cards tal-kondoljanzi – is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li dawk kienu gew ordnati u waslu l-Kunsill izda kellhom zball fil-grammatika.
- Issugerixxa li l-pjanti u dokumenti li ghandu l-Kunsill fuq l-Ghajn tal-Hasselin jittellghu f'esibizzjoni
- Staqsa jekk il-parti li qeghdin jiskavaw f'Mgarr ix-Xini, x-Xewkija taqax parti min Ghajnsielem. Is-Sindku rrispondih li dik il-parti ma taqax taht il-lokalita t' Ghajnsielem
- Staqsa jekk hemmx xi risposta fuq l-kopja ta' l-ittra li baghat il-Kunsill lill-Ministru ghal-Ghawdex rigward il-pelican lights. Is-Segretarju Ezekuttiv irrisponditu li ma rcieviet l-ebda kommunikazzjoni mill-Ministeru fuq dan is-suggett
- Staqsa fuq zvilupp biex Triq il-Brieghen issir bit-tarmac – ghadu ma hemmx risposta mill-Ministeru u mid Dipartiment tal-Waste Serv.
- Staqsa fuq ir-rampa tal-belvedere – ghadu ma hemmx risposta min ghand hadd. Din issir appena kif johrog il-permess tal-MEPA tal-lukanda li sal-lum ghadu mhux approvat
- Staqsa fuq il-Festa ta' Kemmuna – is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ma rcivejna l-ebda korrispondenza minn ghand is sur Tony Zammit tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Larry Buttigieg

- Issugerixxa li tintbaghat ittra lic-CMU bhala ringrazzjament tat-Triq il-Fugazz.
- Hemm xi 4 toqob fit-Triq il-Fugazz biex jimtlew bit-tarmac. – is-Sindku irrispondih li dawn ser isiru meta titkompla il-parti ta' fuq tat-triq, izda wara s-sajf peress li bhalissa t-Triq hi traffikuza.

Francis Cauchi

- Is-Sindku ta' rendikont ta' l-izvilupp ta' l-arkata fil-wied. Il-MEPA talbet ghal rapport dettaljat fuq il-hsara li jista jsir fuq il-post jekk din l-arkata terga tinbena mill-gdid. Is-Sindku kompla jghid li biex sar dan ir-rapport il-kunsill kellu jikkuntatja lill xi espert fuq dan il-qasam bhal xi rapprezentant mid-Dipartiment ta' l-Agrikultura. Gie deciz li jkun ikkuntatjat s-sur Joseph Bonello, l-ufficcjal inkarigat mill-Agrikultura f'Ghawdex. Dan accetta li jaghmel dan ir-rapport fejn minn naha tieghu ghamel ir-rapport. Is-sur Bonello kellu jikkuntatja espert iehor biex setgha jlesti dan ir-rapport u kellem lill-professur Louis F. Cassar biex jghinu jaghmel dan ir-rapport. Dan accetta ghat-talba tas-sur Bonello fejn hadmu flimkien biex isir dan ir-rapport. Is-Sindku qara dan ir-rapport u qal li kemm s-sur Bonello kif ukoll l-professur ma riedux hlas tax-xoghol li ghamlu. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jibghat ittra ta' ringrazzjament lill-dawn iz-zewg persuni. Il-prezenti kollha ma dan.

Il-laqgha ntemmet fit-4.27pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill nhar il-Hamis, 7 t'Ottubru 2010, fil-5.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt